MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1045/2007

**Mizzi Home Furnishings Ltd (C – 22783), Millenia Ltd (C – 22784), Mizzi Group Limited (C – 21948), General Sports Enterprises Limited (C – 248450), u Kunsill Lokali Tarxien**

**vs**

**Italgreen SPA (Socjeta` estera registrata l-Italja)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat id-9 t'Ottubru, 2007, li permezz tieghu gie sintetikament espost is-segwenti:

1. Illi s-socjetajiet rikorrenti fuq indikati jinnegozjaw fix-xiri u bejgh ta' prodotti ta' *turf* sintetiku;

2. Illi s-socjeta` ntimata tissuplixxi l-istess prodott indikat fil-paragrafu precedenti f'Malta, senjatament dak indikat bhala "*52 FLA, 65 Stadium Pro*" u "*Monoturi*", garantiti ghal ghaxar (10) snin, anke jekk uzat illimitatament;

3. Illi s-socjetajiet rikorrenti Mizzi Home Furnishings Limited, Millenia Ltd, u Mizzi Group Limited xtraw it-*turf* minghand is-socjeta` ntimata tat-tip "*Green 2000 h mm 52 FLA gia` FTO S 1 Field Turf 52mm*" biex ibieghu lil terzi bil-kundizzjonijiet u garanziji suppliti mis-socjeta` ntimata;

4. Illi fl-1 ta' Mejju, 2002, is-socjeta` Mizzi Group Ltd bieghet il-prodott indikat fil-paragrafu precedenti liz-Zghazagh Azzjoni Kattolika, tal-Mosta, bil-garanzija moghtija mis-socjeta` ntimata;

5. Illi fil-31 t'Ottubru, 2002, l-istess socjeta` rikorrenti ndikata fil-paragrafu precedenti bieghet il-prodott "*Green 2000 h mm 65 Stadium PRO*" lis-socjeta` rikorrenti General Sports Enterprises Limited, bil-garanziji moghtija mill-istess socjeta` ntimata;

6. Illi fit-22 ta' Dicembru, 2003, l-istess socjeta` rikorrenti ndikata , (il-Mizzi Group Ltd), bieghet *turf* tat-tip "*Green 2000 h mm 55 Monoturf*" lill-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien kif garantit mill-istess socjeta` ntimata kif fuq indikat;

7. Illi nonostante l-garanziji reklamati mis-socjeta` ntimata it-*turf* mibjugh lill-kompraturi fuq indikati tqatta' wara li ntuza biss ghal ftit zmien, tmermer u ma baqax tajjeb ghall-uzu li kien inxtara;

8. Illi s-socjetajiet rikorrenti nterpellaw lis-socjeta` ntimata diversi drabi biex din tbiddel it-*turf de quo*, izda inutilment;

9. Illi dan qed jikkawza danni ingenti lis-socjetajiet rikorrenti, jew min minnhom, konsistenti fi spejjez sofferti mill-istess socjetajiet biex isewwu l-hsarat

rizultanti mill-fondi taghhom, u dan ikkawza telf ta' qliegh u ta' klijenti, *oltre* d-dannu ghar-reputazzjoni kummercjali taghhom;

10. Illi konsegwentement aderew lil din il-qorti biex is-socjeta` ntimata tghid ghaliex din m'ghandhiex:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li t-*turf* sintetiku ma kienx idoneu ghall-uzu kif reklamat u garantit mis-socjeta` ntimata;

ii. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata biex fi zmien qasir u perentorju ffissat mill-qorti tibdel it-tapit tat-*turf* minnha supplit u mibjugh lil General Sports Enterprises Limited u Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien b'tapit tat-*turf* tal-kwalita` reklamata, u dan, a spejjez tas-socjeta` ntimata;

iii. Illi fin-nuqqas tawtorizza lis-socjetajiet rikorrenti jew min minnhom biex jeffettwaw is-sostituzzjoni tat-*turf* involut b'iehor tal-kwalitajiet reklamati mis-socjeta` ntimata, jekk ikun hemm bzonn taht is-sorveljanza ta' perit nominat mill-qorti, kollox a spejjez tas-socjeta` ntimata u taht dawk l-ordnijiet li din il-qorti tista' timponi;

iv. Tiddikjara u tiddeciedi li l-agir tas-socjeta` ntimata kkaguna danni lis-socjetajiet rikorrenti Mizzi Home Furnishings Ltd, Millenia Ltd u Mizzi Group Ltd jew min minnhom;

v. Tillikwida d-danni kkagunati lis-socjetajiet rikorrenti ndikati fil-paragrafu precedenti, okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi;

vi. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata biex thallas lis-socjetajiet rikorrenti ndikati fiz-zewg paragrafi immedjatament precedenti, jew min minnhom *in linea* ta' danni;

vii. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif mitluba fl-istess rikors guramentat promotur;

Rat il-verbal ta’ din il-qorti diversament preseduta datat il-31 ta’ Jannar, 2008, li permezz tieghu iddikjarat li s-socjeta` ntimata hi kontumaci, (ara fol 90);

Rat id-digriet tal-istess qorti kif indikata fil-paragrafu precedenti datat is-7 ta’ Mejju, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju  hemm indikata biex tisma’ l-provi, (ara fol 91);

Rat in-nota tas-socjetajiet rikorrenti datata s-6 ta’ Frar, 2009, li permezz taghha esebiet prospett tad-danni kkawzati mis-socjeta` ntimata, komplessivament ammontanti ghal tmienja u erbghin elf, hames mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€48,586.55), (ara fol 142);

Rat il-verbal tal-istess qorti diversament preseduta datat it-22 t’April, 2009, li permezz tieghu iddifferiet il-kawza ghas-sentenza fid-data hemm indikata, (ara fol 145);

Rat il-verbal tal-istess qorti ndikata aktar qabel datat it-28 t’April, 2009, fejn wara li ddikjarat li ezaminat l-atti kollha tal-process, affermat li trid tisma’ aktar provi dwar id-danni allegatament sofferti mis-socjetajiet rikorrenti, (ara fol 146);

Rat ir-rikors datat is-16 ta’ Marzu, 2010, li permezz tieghu il-mandatarju specjali tas-socjeta` ntimata, ghar-ragunijiet kollha minnu hemm esposti, talab fost affarijiet ohra, lil din il-qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-31 ta’ Jannar, 2008, fejn iddikjarat lill-istess socjeta` ntimata kontumaci, (ara fol 175 *et sequitur*);

Rat ir-risposta tas-socjetajiet rikorrenti ghall-imsemmi rikors, datata l-5 ta’ Lulju, 2010, li ghar-ragunijiet hemm esposti talbu li din il-qorti ghandha tichad it-talbiet tas-socjeta` ntimata kif indikati fil-paragrafu precedenti, (ara fol 253 *et sequitur*);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-7 ta’ Lulju, 2010, (ara fol 262);

Rat ir-risposta ulterjuri tal-mandatarju specjali tas-socjeta` ntimata datata d-29 ta' Settembru, 2010, (ara fol 268 *et sequitur*);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-12 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu hatret l-assistent gudizzjarju hemm indikat biex jisma' l-provi dwar il-gustifikazzjoni *o meno* tal-kontumacja, (ara fol 271);

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivament datati t-30 u 31 ta' Lulju, 2012, li permezz taghhom is-socjetajiet rikorrenti esponew il-kaz taghhom skont il-ligi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta` ntimata datata l-1 t'Ottubru, 2012;

Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat is-6 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni orali finali, (ara fol 285);

Semghet lill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata;

Tirrileva li l-abbli rapprezentant legali tas-socjetajiet rikorrenti ma deherx fl-udjenza rizervata ghall-imsemmija trattazzjoni orali *de quo*;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante d-dilungar kollu tal-procedura riskontrat is-socjeta` ntimata baqghet fi stat ta' kontumacja;

Illi mill-evidenza karpita, ir-rizultanzi jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjetajiet rikorrenti xtraw it-*turf* sintetiku tal-kwalita` fuq gia` ndikata biex ibieghu lill-klijenti taghhom fuq ukoll gia` riferiti;

2. Illi l-istess *turf* sintetiku kien gie reklamat f'fuljetti appoziti b'garanzija ghal zmien ghaxar (10) snin u li seta' jigi utilizzat mill-isportivi b'mod illimitat;

3. Illi munita b’tali garanzija s-socjetajiet rikorrenti sussegwentement bieghu l-istess *turf* lil General Sports Enterprises Limited, lill-Kunsill Lokali ta’ Hal-Tarxien u liz-Zghazagh Azzjoni Kattolika tal-Mosta biex jigi minnhom hekk utilizzati;

4. Illi wara li t-*turf* beda jintuza mill-utenti kompraturi fuq riferiti t-*turf* tqatta’, tmermer u ma baqax aktar tajjeb ghall-uzu pre-destinat kif ikkonfermat minn dokumentazzjoni appozita fir-rigward, (ara fol 68, fol 75 u fol 80);

5. Illi ghalhekk it-*turf* mibjugh lill-utenti fuq riferiti u lis-socjetajiet rikorrenti mis-socjeta` ntimata, abbundantement jirrizulta li ma kienx tal-kwalita` pattwita u allura ma kienx idoneu ghall-uzu reklamat u garantit mill-istess socjeta` ntimata;

6. Illi jirrizulta ampjament assodat li d-danni komplessivi sofferti mis-socjetajiet rikorrenti jammontaw ghal tmienja u erbghin elf, hames mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€48,586.55), (ara fol 142);

7. Illi fir-rigward, is-socjeta` ntimata baqghet fi stat ta’ kontumacja u konsegwentement ma pprezentat l-ebda kontestazzjoni legalment valida skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess, din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji t-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti u konsegwentement tiddeciedi l-vertenza odjerna bil-mod segwenti:

1. Tiddikjara li t-*turf* sintetiku meritu tal-kawza odjerna fuq gia` ndikat ma kienx idoneu ghall-uzu kif reklamat u garantit mis-socjeta` ntimata;

2. Tiddikjara wkoll li l-agir tal-istess socjeta` ntimata kkaguna danni lis-socjetajiet rikorrenti fuq indikati fl-okkju ta' din il-procedura;

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetajiet rikorrenti fuq indikati fl-ammont komplessiv ta' tmienja u erbghin elf, hames mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€48,586.55);

4. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata Italgreen SPA biex thallas lis-socjetajiet rikorrenti fuq gia` ndikati *in solidum* l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

5. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` ntimata u bl-imghaxijiet skont il-ligi mit-22 ta' Novembru, 2006, (data ta' l-ewwel ittra ufficcjali in konnessjoni tas-suespost indirizzata lis-socjeta` ntimata fuq riferita), sad-data tal-effettiv pagament;

6. Illi peress li t-talbiet l-ohra rimanenti sollevati mis-socjetajiet rikorrenti jirrizultaw issa superati u allura, irrilevanti, tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------